**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 20 ta' Dicembru, 2018

Rikors Guramentat Nru : 175/17 AL

**A B**
**u R B f'isimha**
**proprju u bhala kuratrici ta' bintha**
**minuri Z B u b'nota**
**tas-16 ta' Mejju 2018 R B**
**irtirat l-atti ta' dawn il-proceduri**
**fil-konfront taghha**

**-vs-**

**1. C B 560775 M**
**2. Direttur tar-Registru Pubbliku u b'digriet tat-22 ta' Mejju 2018 giet imsejjha fil-kawza R B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu ppremettew :

Illi r-rikorrenti jinsabu f'relazzjoni li minnha fit-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) twieldet il-minuri Z B;

Illi r-rikorrenti R B prezentement tinsab ghaddejja minn proceduri ta' separazzjoni minn ma zewgha l-intimat C B;

Illi r-rikorrenti R B ghadha legalment mizzewga lill-intimat C B, il-minuri giet awtomatikament registrata fuq l-intimat C B u dan hekk kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid anness u markat bhala Dokument 'A';

Illi ma hemm l-ebda dubju u, oltre minn hekk, ma tezisti assultament l-ebda kontestazzjoni mill-intimat C B u r-rikorrent A B illi missier it-tarbija huwa proprju r-rikorrent A B;

Illi l-paternita' tal-minuri Z B giet konfermata permezz ta' testijeti genetici appoziti u dan hekk kif jirrizulta mid-DNA Paternity Test Report anness u markat bhala Dokument B;

Illi minkejja diversi tentattivi da parti tar-rikorrenti sabiex il-minuri tigi registrata bhala bint ir-rikorrent A B minghajr il-htiega tal-intavolar tal-kawza odjerna, l-intimat baqa' sal-ahhar juri nuqqas ta' kooperazzjoni shiha;

Illi r-rikorrenti ghandhom interess li jigi korrett ic-certifikat tat-twelid tal-minuri Z B;

Illi kien ghalhekk li kellha ssir din il-kawza;

Talbu in vista tas-suespost li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

(i) Tiddikjara illi ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi l-missier naturali tal-minuri Z B huwa r-rikorrent A B;
(ii) Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att tat-Twelid tal-minuri Z B, sabiex il-paternita' ta' l-istess minuri tigi korrettement rispekkjata fl-istess Att tat-Twelid, billi fil-kolonna fejn hemm miktubin id-dettalji tal-missier, ossia tal-intimat C B, l-istess dettalji jigu sostitwiti bid-dettalji tal-missier naturali tal-minuri u cioe' A B;

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-atturi;

Rat ir-risposta tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li permezz taghha eccepixxa : (fol. 15)

1. Illi prelimarjament l-esponenti teċċepixxi illi l-atturi ma ddikjarawx taħt liema artikolu tal-liġi qed issejsu din il-kawża istanti, u għaldaqstant ikun ta' benefiċċju għall-esponenti illi l-atturi jagħmlu dan sabiex ikun jista' jwieġeb għal dan ir-rikors ġuramentat b'iktar konkretezza;

2. Illi bla pregudizzju għas-suespost, l-esponenti qed tassumi illi l-azzjoni odjerna ġiet intavolata abbażi tal-Artikolu 77A jew Artikolu 77B tal-Kodiċi Ċivili. Għalhekk isegwi, illi jekk il-proċedura tal-kawża istanti saret ai termini ta' wieħed minn dawn l-Artikoli, l-atturi ma ottemporawx ruħhom mal-proċedura iskritta fl-istess dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan għaliex, Artikolu 77A u Artikolu 77B tal-Kodiċi Ċivili jistipulaw rispettivament illi:

(i) F'każ li *kull min jgħid li huwa l-**missier naturali** ta' tifel imwieled fiż-żwieġ*, dan *jista' jimxi **kontra l-mara, ir-raġel u t-tifel** jew il-werrieta rispettivi tagħhom, sabiex huwa jiġi dikjarat bħala l-missier naturali tat-tifel;* u
(ii) Tali talba għal-dikjarazzjoni ta' paternita' *tista' tiġi eżerċitata mill-**mara** permezz ta' rikors ġuramentat quddiem il-qorti kompetenti **kontra r-raġel tagħha, il-missier naturali u t-tifel** tagħha mwieled fiż-zwieġ*;

Għaldaqstant, din il-kawża istanti kellha tiġi ppreżentata mill-allegat misser (skont Artikolu 77A) ***jew*** mill-omm (skont Artikolu 77B), u mhux mit-tnejn flimkien;

3. Illi bla ħsara għal premess, l-esponenti tirrileva illi tali rikors ġuramentat seta' jsir biss fi żmien sitt (6) xhur mit-twelid tal-minuri Z B u dana ai termini tal-Artikolu 77C tal-Kodiċi Ċivili. Għaldaqstant, stante li t-terminu preskritt fil-liġi ttermina, il-proċeduri istanti ma jistgħawx jitkomplew salv illi l-atturi

jottemporaw ruħhom mal-liġi u jagħmlu rikors lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tawtorizzhom sabiex ikomplu bil-proċeduri istanti;

4. Illi bla preġudizzju għas-suespost, l-esponenti tissottometti illi fil-mertu u b'referenza partikolari għall-paternita' in kwistjoni tal-minuri Z B, hija ma hijiex edotta mill-fatti li ġew iddikjarati mill-atturi fir-rikors ġuramentat u għaldaqstant tirrimetti ruħha għar-riżultanti proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

5. Illi stante s-seuespost, huwa neċessarju f'dan l-istadju illi sabiex tirnexxi din il-kawża istanti, jrid ikun hemm il-prova illi fiż-żmien bejn it-tlett mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-minuri Z B, kien hemm adulterju da parti R B u *di piu'* dan għandu ukoll jiġi ppruvat permezz ta' xi fatt ieħor, *inter alia,* testijiet ġenetiċi li jeskludu lil C B, bħala l-missier naturali tal-imsemmija minuri Z B;

6. Illi għalkemm jidher illi ġie ppreżentat test tad-DNA, kemm-il darba dan jitqies li huwa wieħed validu, xorta jeħtieġ illi jkun maħluf mit-tekniku Dr. Marisa Cassar. Barra minn hekk, għandu jkun opportun illi t-tekniku, tagħti l-ispjegazzjoni tagħha rigward l-iżball mniżżel fit-tieni (2) paġna tar-Rapport tat-test tad-DNA, hekk kif isem A B tniżżel darbtejn fir-Rapport, filwaqt illi isem C B ma tniżżilx. Naturalment dan isir salv li din l-Onorabbli Qorti ma tħossx il-ħtieġa illi tali test ġenetiku għandu jerġa' jsir mill-ġdid ai termini tal-**Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

7. Illi bla preġudizzju għas-suespost, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti titlob lil A B sabiex permezz ta' nota jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament: (1) l-isem u l-kunjom tiegħu, (2) id-dokument tal-Identità, (3) l-età tiegħu meta twieldet il-minuri Z B, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta' residenza tiegħu meta twieldet l-imsemmija Z B, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieldet t-tifla Z B. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-minuri Z B;

8. Illi bla preġudizzju għas-suespost il-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandha tassumi Z B a tenur tal-**Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

9. Illi subordinatament, dejjem bla ħsara għal dak fuq imsemmi, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti huwa importanti li l-kelmiet '*the said*' li jinsabu qabel isem C B, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm għandhom ukoll jiġu kkanċellati mill-Atti tat-Twelid tal-minuri Z B;

10. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għas-suriferit, l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponenti u għalhekk hija m'għandhiex tiġi assoġġettata għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

11. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin minn issa inġunti in subizzjoni.

Rat illi l-konvenut C B, debitament notifikat[1], ma ppreżentax risposta ġuramentata, u b'hekk huwa kontumaċi f'dawn il-proċeduri.

Rat illi l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ġiet issorvolata permezz ta' nota ta' R B u ta' A B ippreżentata fis-7 ta' Diċembru 2017[2], illi permezz tagħha, *inter alia*, huwa rrilevaw illi l-proċeduri odjerni huma msejsa ai termini tal-Artikolu 77A u 77B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi permezz ta' nota iddatata is-16 ta' Mejju 2018, l-attriċi R B, irtirat il-proċeduri fil-konfront tagħha stess.

---

[1] Fl-1 ta' Settembru 2017, Riferta a fol. 10;

[2] Fol. 26;

Rat illi permezz ta’ digriet iddatat it-22 ta’ Mejju 2018, il-Qorti laqgħet it-talba tal-attur A B sabiex l-istess R B tiġi kjamata fil-kawża;

Illi b’hekk ġiet sorvolata it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku;

Rat illi l-attur kiseb l-awtorizzazzjoni ta’ din il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 77C tal-Kodiċi Ċivili, permezz ta’ digriet iddatat il-15 ta’ Novembru 2018[3] sabiex jipproċedi bil-kawża odjerna minkejja t-trapass ta’ sitt xhur mit-twelid tal-minuri Z B. Rat illi in vista ta’ dan, it-tielet eċċezzjoni sollevata mill-konvenut Direttur ġiet sorvolata.

Rat illi permezz ta’ nota ippreżentata fit-23 ta’ Novembru 2018[4], il-kjamata fil-kawża R B, iddikjarat illi ma topponix għat-talbiet tar-rikorrent A B kif kontenuti fir-rikors promotur, salv għall-kap tal-ispejjeż li għalihom hija m’għandhiex tinżamm responsabbli.

Rat l-atti kollha tal-proċediment inkluż l-affidavit tal-attur u tal-kjamata fil-kawża, kif ukoll it-testijiet xjentifiċi ġenetiċi redatti minn Dottor Marisa Cassar;

Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-Qorti għandha quddiemha talba da parti tar-rikorrent relatata mal-paternita’ ta’ Z B imwielda lill-kjamata fil-kawża R B, xebba Buttigieg, nhar it-8 ta’ Jannar 2017[5]; Illi l-attur jikkontendi li minkejja li Z twieldet lill-kjamata fil-kawża R B li hija legalment miżżewġa lill-konvenut C B, l-istess Z mhijiex bint l-imsemmi C B

[3] Fol. 46;

[4] Fol. 47;

[5] Ċertifikat tat-twelid relattiv, fol. 4;

iżda hija bintu. Proprju minħabba l-preżunzjonijiet legali naxxenti mil-liġi, l-istess Z ġiet imniżżla fiċ-ċertifikat tat-twelid bħala l-wild naturali tal-intimat C B, qua żewġ omm it-tarbija. Illi preżentement il-konvenut C B u l-kjamata in kawża R B jinsabu għaddejjin minn proċeduri ta' separazzjoni personali.

Għalhekk permezz ta' din il-kawża, ir-rikorrent qiegħed jitlob lill-Qorti sabiex tiddikjara li l-attur huwa l-missier naturali ta' Z u sabiex sussegwentement isiru l-korrezzjonijiet neċessarji fiċ-ċertifikat tat-twelid tagħha billi l-konnotati ta' C B jiġu kkanċellati minn fuq l-istess ċertifikat u jiġu sostitwiti bil-konnotati tal-attur bħala l-missier.

Il-Qorti rat is-Subtitolu I tat-Titolu II tal-Kodiċi Ċivili[6], illi jirrigwarda il-filjazzjoni tal-ulied imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ, partikolarment l-Artikolu 77A, illi fuqu hija msejsa l-kawża odjerna. Dan jistipula:

> ***77A. Bla ħsara għal dak li jiddisponi l-artikolu 81, kull min jgħid li huwa l-ġenitur naturali ta' wild imwieled fiż-żwieġ, jew il-werrieta tiegħu jekk huwa jkun miet qabel ma jitwieled il-wild, jista' jmexxi b'rikors ġuramentat quddiem il-qorti kompetenti kontra l-konjuġi li wiled, il-konjuġi l-ieħor u l-wild, jew il-werrieta rispettivi tagħhom jekk xi ħadd minnhom ikun mejjet, sabiex huwa jiġi dikjarat bħala l-ġenitur naturali tal-wild u dan jekk kemm-il darba huwa jirnexxielu jipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u t-tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-wild, il-konjuġi li wiled kien wettaq adulterju miegħu, u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor, li jista' wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jeskludu lill-konjuġi l-ieħor bħala l-ġenitur naturali tal-wild.***

[6] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi mit-testijiet ġenetiċi ta' paternita` redatti minn Dottor Marisa Cassar, u minnha debitament maħlufa[7], jirriżulta illi A B ma jistax jiġi eskluż li mhux il-missier bijoloġiku ta' Z. Il-probabilita` ta' paternita hi ta' 99.9999%.

Rat ukoll l-affidavit tal-istess Marisa Cassar[8] fejn hija kkonfermat li hija prelevat il-kampjuni orali ta' R B I.D. 454580(M), Z B (D.O.B. 08.01.2017) u ta' A B I.D. 321987(M). Mit-testijiet li għamlet irriżulta illi A B hu l-missier naturali ta' Z B.

Rat l-affidavit tal-attur A B[9] illi spjega li huwa kien daħal f'relazzjoni ma' R B wara li din tat bidu għall-proċeduri ta' separazzjoni fil-konfront ta' żewġha C. Minn din ir-relazzjoni fit-8 ta' Jannar 2017, twieldet it-tifla li huma semmew Z. Ftit ġranet wara t-twelid tat-tarbija, ix-xhud mar ir-Reġistru Pubbliku sabiex jirreġistra lit-tarbija, fejn ġie informat illi ladarba omm it-tarbija kienet miżżewġa, it-tarbija ma setgħetx titniżżel bħala bintu, iżda skond il-liġi kellha titniżżel bħala bint żewġ ommha.

Huwa sostna li mir-Reġistru informawh illi billi dina kienet sitwazzjoni relattivament komuni, għaliha kien hemm proċedura gratwita u faċli fejn il-partijiet kollha kellhom imorru r-Reġistru flimkien u jiġi dikjarat li C B m'huwiex il-missier naturali ta' Z, u x-xhud jiġi reġistrat bħala l-missier naturali tagħha. Meta R ikkuntattjat lil żewġha l-konvenut u spjegatlu s-sitwazzjoni, dan għarrafha li ma kellu ebda intenzjoni li jgħinha f'dawn il-proċeduri.

Illi l-kjamata fil-kawża R B qua omm it-tarbija Z ma tiċħadx, anzi tikkonferma, li hija kellha relazzjoni extra-maritali mal-attur. Tikkonferma wkoll illi l-minuri Z hija l-frott ta' din ir-relazzjoni extra-maritali tagħha kif ġie kkonfermat mit-testijiet xjentifiċi tad-DNA. Permezz tal-affidavit tagħha[10] hija tikkorrabora in toto ix-xiehda mogħtija mill-attur.

---

[7] Fol. 5 u fol. 22;

[8] Fol. 20;

[9] Dok. MM1, fol. 30;

[10] Dok. MM2, fol. 32;

Illi fil-mertu, il-każ kollu jdur jekk ir-rikorrent irnexxilux jipprova sal-grad rikjest mil-liġi li Z hija l-wild naturali tiegħu u konsegwentement jipprova li hemm lok li jiġu megħluba l-preżunzjonijiet legali emanenti fil-liġi u li għall-anqas waħda miċ-ċirkostanzi komminati f'Artikolu 77A tal-Kodiċi Ċivili, ġja ċċitat, ġiet ippruvata.

L-aqwa prova, f'kawżi bħal din, huma t-testijiet xjentifiċi u ġenetiċi, li fil-każ odjern ikkonfermaw illi l-attur huwa il-missier bijoloġiku ta' Z B. It-test xjentifiku, hekk kif ikkonfermat bil-ġurament, jegħleb kull preżunzjoni legali relatata mal-paternita' tat-trabi mnissla fiż-żwieġ u jelimina kull dubju dwar l-istess paternita'. Għaldaqstant, il-provi miġjuba quddiem din l-Onorabbli Qorti juru bl-aktar mod ċar u inekwivoku li Z hija l-wild naturali tar-rikorrent u mhux tal-intimat C B. Inoltre, id-dikjarazzjoni maħlufa tal-kjamata in kawża R B, qua omm it-tarbija, ikkonfermat li fil-perjodu tat-tnissil tat-tarbija, hija kellha relazzjoni extramaritali mal-attur. Illi għalhekk il-Qorti tara li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex tilqa' it- talbiet attriċi.

Rat illi d-dettalji tal-attur kif mitluba mill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku huma s-segwenti[11]:

1) Isem u kunjom: A B
2) Id-dokument tal-identita`: 0321987(M)
3) L-eta` tiegħu meta twieldet il-minuri: disgħa u għoxrin (29) sena
4) Il-post tat-twelid ta' A B: Pieta`, Malta
5) Il-post tar-residenza tiegħu meta twieldet il-minuri: Żabbar
6) Isem u kunjom missieru: N B
7) Jekk in-nannu patern kienx ħaj jew mejjet meta twieldet il-minuri: Ħaj

<u>Dwar il-kunjom li għandha tassumi l-minuri Z</u>

[11] Dawna jirriżultaw mir-rikors ġuramentat , mill-kopja tal-liċenzja tas-sewqan tal-attur, fol. 24, mill-kopja tal-karta tal-identita` tal-attur esebita fol. 42 u min-nota ippreżentata minnu fil-25 ta'Ottubru 2018, fol. 40;

Illi rigward il-kunjom li għandha tassumi l-minuri, ġiet ippreżentata nota mill-attur u mill-kjamata in kawża[12], fejn huma ddikjaraw illi l-kunjom li għandha tassumi l-minuri Z huwa dak ta' B. Il-konvenut C B, kif ingħad, huwa kontumaċi u ma lissen ebda opinjoni. Fil-każ odjern, iċ-ċirkostanzi huma tali li kemm il-missier naturali tat-tarbija kif ukoll żewġ ommha għandhom l-istess kunjom ta' "B" biex b'hekk m'hemm l-ebda kwistjoni dwar il-kunjom li għandha tassumi l-minuri li għandha tibqa' magħrufa, bħalma hija diġa magħrufa, bil-kunjom "B".

Dwar il-kap tal-ispejjeż

L-attur isostni illi dawn il-proċeduri setgħu ġew evitati kieku mhux għall-pika u għall-atteġġjament pwerili tal-konvenut C B. Illi kieku huma adoperaw il-proċedura ssuġġerita mir-Reġistru Pubbliku, il-proċeduri setgħu ġew evitati u b'hekk kienu jiffrankaw ħafna ħela ta' ħin u anke spejjeż billi huma ħallsu erba' mija u ħamsin Ewro biex sar it-test tad-DNA. R B tikkorrabora dan. Huma t-tnejn tal-fehma li m'għandhomx jiġu assoġġettati għall-ispejjeż tal-kawża.

Il-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku jissottometti li l-azzjoni odjerna mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas tiegħu u għalhekk jagħmel l-istess asserzjoni u cioe li m'għandux jiġu assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża.

Dwar l-ispejjeż, il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li dawn għandhom ikunu sopportati b'mod ugwali bejn il-ġenituri naturali tal-minuri, għaliex it-tifla ġiet konċepita bl-għemil tagħhom u ta' ħadd iktar. Dejjem kienet din il-fehma tal-Qorti, u m'hemm l-ebda raġuni għaliex il-Qorti għandha titbiegħed minn dan il-prinċipju tagħha f'dan il-każ partikolari. L-azzjoni odjerna hija direttament attribwibbli għall-għemil tal-kjamata fil-kawża u tal-attur flimkien, u għalhekk għandhom ikunu huma flimkien li jbatu l-ispejjeż kollha tal-kawża inkluż tat-testijiet ġenetiċi esebiti. In vista li l-minuri ġiet imnissla u mwielda sakemm il-konvenuta kienet (u għadha) miżżewġa, din l-azzjoni ta' filjazzjoni ma setgħetx tiġi skartata, u għalhekk l-ispejjeż m'għandhomx ikunu sopportati mill-intimat

12 Nota ddatata il-25 ta' Ottubru 2018, fol. 39;

bħalma jippretendu l-attur u l-kjamata in kawża. Kemm l-intimat C B u wkoll id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ma kellhom ebda sehem fit-tnissil tat-tarbija u b'hekk m'għandhomx jiġu assoġġettati għall-ispejjeż.

**DEĊIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża u tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenut id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku billi:

1. Tiddikjara illi l-minuri Z imwielda fit-8 ta' Jannar 2017, m'hijiex il-wild naturali u bijoloġiku tal-konvenut C B; iżda hija l-wild naturali u bijoloġiku tal-attur A B;

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex iħassar minn fuq iċ-ċertifikat tal-twelid tal-minuri Z, innumerat seba' mija u tmienja u ħamsin tas-sena elfejn u sbatax (758/2017), kwalsiasi konnotazzjoni li tirreferi għall-konvenut C B, kif ukoll il-kliem "the said" mill-konnotati tal-omm; Minflok, fil-kolonna bid-dettalji tal-missier, iniżżel id-dettalji tal-attur kif jirriżultaw iktar 'il fuq f'din is-sentenza;

3. Tordna illi l-minuri Z tibqa' magħrufa bil-kunjom B;

Bl-ispejjeż, inkluż l-ispejjeż tat-testijiet xjentifiċi tad-DNA esebiti fl-atti tal-proċediment odjern, ikunu sopportati b'mod ugwali mill-attur A B u mill-kjamata fil-kawża R B.